MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1054/2013

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C – 3177)**

**vs**
**John Muscat (karta ta' l-identita` numru 456559 (M))**
**U**
**Maria Dolores Muscat (karta ta' l-identita` numru 749162 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu l-Bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi fit-22 ta' Frar, 2006, ikkonceda facilita` bankarja lill-intimati tramite *premier card facility* b'limitu ta' hmistax –il elf Ewro, (€15,000.00), (ara fol 4);

1.2 Illi fl-istess ftehim l-imsemmi intimat John Muscat hu indikat bhala l-possessur principali tal-*card* hekk mahruga waqt li l-intimata martu Maria Dolores hi indikata bhala l-possessur addizzjonali tal-istess, (ara fol 4);

1.3 Illi l-intimati utilizzaw tlettax –il elf , disgha mija u tnejn u hamsin Ewro, (€13,952.00), minn din il-facilita`, (ara fol 5);

1.4 Illi sa mit-12 ta' Mejju, 2011, l-intimati m'effettwaw l-ebda pagamenti fl-istess facilita`;

1.5 Illi *di piu*`, l-intimat Muscat kellu iz-zewg *personal term credit agreements* indikati fl-istess rikors guramentat promotur tal-Mastercard u tal-VISA tal-limitu ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu, (€698.81), fuq kull karta ta' kreditu, (ara fol 6 u 7), liema ammonti wkoll gew utilizzati mill-istess intimat;

1.6 Illi ma sar l-ebda hlas mill-intimat Muscat fuq il-karti ta' kreditu indikati fil-paragrafu precedenti, (ara fol 8);

1.7 Illi ghalhekk l-ammont komplessiv dovut mill-intimati Muscat lill-Bank rikorrenti jirrizulta li hu ta' hmistax –il elf, sebgha mija u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu, (€15,750.89), u dan, inkluz l-imghaxijiet dovuti sat-18 t'Ottubru, 2013;

1.8 Illi l-ammont komplessiv ulterjuri dovut biss mill-intimat Muscat ghall-kreditu tieghu fuq il-Mastercard u l-VISA jammonta ghal elfejn, mija u hames Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€2,105.75), inkluz l-imghaxijiet dovuti ukoll sat-18 t'Ottubru, 2013;

1.9 Illi nonostante li interpellati diversi drabi, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.10 Illi ghaldaqstant, il-Bank rikorrenti aderixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1.10.1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrenti fis-somma komplessiva ta’ hmistax –il elf, sebgha mija u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu, (€15,750.89), kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

1.10.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-Bank rikorrenti s-somma indikata hekk likwidata fil-paragrafu precedenti, oltre l-imghax dovut sad-data tal-effettiv pagament;

1.10.3. Tiddikjara wkoll lill-intimat John Muscat debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma ta’ elfejn, mija u hamest Euro u hamsa u sebghin centezmu, (€2,105.75), lilu moghtija fuq il-facilitajiet lilu moghtija tramite l-karti ta’ kreditu Mastercard u VISA rapprezentanti l-kapital u imghax sad-data indikata fl-istess rikors guramentat promotur, oltre imghax ulterjuri mid-19 t’Ottubru, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.10.4. Tikkundanna lill-intimat John Muscat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti bl-imghax ulterjuri, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha annessi;

3. Rat in-nota tal-intimati Muscat fuq indikati datata t-28 ta’ Novembru, 2013, li permezz taghha ammettew il-kawza inizzjata fil-konfront taghhom mill-Bank rikorrenti;

4.0 Illi in vista tas-*suddetta* ammissjoni din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li tilqa’ t-talbiet tal-Bank rikorrenti u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1 Tiddikjara li l-intimati konjugi Muscat fuq indikati huma debituri tal-Bank rikorrenti fl-ammont ta’ hmistax –il elf, sebgha mija u hamsin Ewro u disgha u tmenin

centezmu, (€15,750.89), kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur u l-imghax ulterjuri dovut fuq l-imsemmija somma mid-19 t'Ottubru, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

4.2 Tiddikjara wkoll lill-intimat John Muscat fuq indikat debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma ta elfejn, mija u hamest Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€2,105.75), kif specifikatament indikata fl-istess rikors guramentat promotur u l-imghax ulterjuri dovut fuq l-imsemmija somma mid-19 t'Ottubru, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

4.3 Tikkundanna lill-intimati fuq gia` ndikati biex ihallsu lill-Bank rikorrenti l-ammonti fuq likwidati, u dan fil-modalita` specifikatament indikati fiz-zewg paragrafi precedenti oltre l-imghax dovut fuq l-istess ammonti sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------